MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 1008/1996/1

**Emmanuel Avallone**

**v.**

**Centru Speranza Fl-Inkapacitati**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTUR**

1. L-attur ipprezenta citazzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn wara li ppremetta:

Illi l-attur kien silef lic-Centru konvenut “brevi manu” s-somma ta’ elfejn lira Maltija (Lm2,000) minghajr imghax restitwibbli a semplici rikjesta ta’ l-attur u dan b’kuntratt tan-Nutar Joseph Brincat tal-20 ta’ Awissu 1984;

Illi l-attur interpella diversi drabi lic-Centru konvenut biex jirrestitwilu s-somma lilu mislufa, u dan nonostante l-konvenut baqa’ inadempjenti;

Illi l-istess attur talab lic-Centru konvenut jghid ghaliex m’ghandhiex dik il-Qorti:

(1) Tikkundanna lill-istess Centru konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elfejn lira Maltija (Lm2,000) flus lilu mislufa u dovuti kif fuq inghad, u bl-interessi legali sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra c-Centru konvenut.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TA’ L-GHAQDA KONVENUTA</u>**

2. Ic-centru konvenut eccepixxa hekk:

(a) Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante li dawn gia` kienu jifformaw il-mertu tal-kawza numru 81/85/VCC li giet deciza definittivament mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fis-16 ta’ Dicembru 1991 u kwindi l-attur ma jistax jitlob l-istess ammont ghal darbtejn.

(b) Sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante li l-attur ma silef xejn lill-konvenut. *Se mai* kienet martu li kienet silfet il-flus lill-konvenut bi flusha u bi flus ommha. Fil-fatt l-attur qatt ma hareg xejn minn butu u istitwixxa dil-kawza bil-pika ma’ martu li kontra taghha istitwixxa proceduri ta’ separazzjoni personali.

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

3. L-ewwel Qorti, b’sentenza taghha tat-28 ta’ Frar 2002, iddecidiet billi laqghet it-talbiet kollha ta’ l-attur bl-ispejjez.

**L-APPELL TA’ L-GHAQDA KONVENUTA**

4. Ic-Centru Speranza fl-Inkapacitati hass ruhu aggravat mill-imsemmija sentenza u interpona appell mill-istess sentenza fuq l-aggravju li gej:-

Illi irrizulta waqt is-smigh tal-provi li filwaqt li huwa minnu li l-kuntratt mertu tal-kawza sar fil-forma ta’ self, effettivament dan gara biss ghaliex l-avukat ta’ wiehed mill-persuni li kien bi hsiebu jibbenefika lic-Centru appellant, tah il-parir sabiex jikkawtela l-interessi tieghu li minflok donazzjoni l-flus jinghataw lic-Centru b’forma ta’ self.

Illi dan sar hekk sabiex jigi assikurat li l-progett li kien bi hsiebu li jsir mic-Centru effettivament isir.

Illi l-ewwel Qorti minkejja li gharfet dan kollu hasset li ma setghetx tiddisturba l-forma tal-kuntratt u rriteniet li dak li sar kien fil-fatt self.

Illi fil-kaz odjern ma hemmx dissidju fattwali dwar x’kienet l-intenzjoni tal-partijiet, u ghalhekk mhux dan xi kaz dwar incertezza ta’ interpretazzjoni ta’ kuntratt izda kaz fejn l-intenzjoni kienet wahda u l-espressjoni kienet ohra.

Illi jibqa’ ghalhekk li l-animu tal-kontraenti fil-kuntratt kien li ssir donazzjoni lic-Centru u mhux self, bil-“caveat” li jekk ma jsirx l-izvilupp li kien mahsub, allura min ikun hareg il-flus ikun b’xi mod salvagwardat.

Illi l-forma tas-self kien biss veikolu sabiex jigu protetti l-benefatturi tac-Centru.

Illi in effetti l-progett gie kompjut u ghalhekk ma hemm l-ebda bzonn tal-kawtela moghtija.

Ghaldaqstant l-Ghaqda konvenuta appellanti talbet li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata bl-ispejjez kontra l-attur appellat.

**IR-RISPOSTA TA’ L-APPELL TA’ L-ATTUR EMANUEL AVALLONE**

5. L-attur appellat wiegeb hekk:-

Illi fl-ewwel lok l-appellant ghandu jaghmel dak id-depozitu rikjest mill-ligi in kawtela ta' l-ispejjez ta' dan l-appell u in difett l-appell ghandu jigi dikjarat dezert;

Illi fil-meritu s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma;

Illi l-appellant jibbaza l-aggravju tieghu billi jallega li l-kuntratt kien wiehed ta' donazzjoni u mhux ta' self u jallega wkoll li l-ewwel Qorti kienet ikkonkludiet li dan kien hekk. Fil-fatt dan ma jistax ikun aktar boghod mir-realta`. Il-konkluzjonijiet ta' l-ewwel Qorti kienu cari u inekwivoci u kkonkludiet li l-konvenuti (sic) ma rnexxielhomx jippruvaw l-allegazzjoni taghhom li l-kuntratt ta' self kien b'xi mod simulat. Anzi l-Qorti espressament ikkonkludiet li l-kuntratt li riedu jidhlu ghalih il-partijiet kien effettivament wiehed ta' self u hekk kellu jigi interpretat u applikat. Ghalhekk mhux korrett kif gie impustat fl-appell li donnu dak li hemm in ballu hija kwistjoni ta' ligi billi effettivament l-appellant mhux qed jaqbel ma' l-apprezzament li l-ewwel Qorti ghamlet tal-provi quddiemha liema apprezzament m'ghandux jigi disturbat hlief ghal ragunijiet serji li fil-kaz prezenti ma jissusistux. Mhux hekk biss imma dak l-apprezzament huwa wiehed korrett u gust u ghalhekk ma hemm l-ebda raguni ghaliex din il-Qorti ta' l-Appell ghandha b'xi mod tvarja l-konkluzjonijiet ta' l-ewwel Qorti. Ghalhekk l-appellat jissottometti bir-rispett li l-appell interpost mill-konvenuti (sic) ghandu jigi rigettat bl-ispejjes kontra taghhom.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. Din il-Qorti wara li hadet kont tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti fil-kawza u ezaminat akkuratament il-provi kollha prodotti, ma hijiex tal-fehma li l-appell interpost mic-Centru Speranza fl-Inkapacitati ghandu jigi milqugh.

7. Jirrizulta li c-Centru konvenut ma jikkontestax il-punt li <u>bhala fatt</u> il-kuntratt notarili ffirmat mal-kontroparti attrici kien kuntratt ta' self – wara kollox id-dicitura cara u inekwivoka adoperata fih ma thalli ebda lok ta' dubbju.

Dak li invece qieghed jikkontendi l-appellant jirrigwarda l-intenzjoni tal-partijiet kontraenti. Skond l-appellant l-intenzjoni tal-partijiet minn dejjem kienet dik li l-flus ghax-xiri u akkwist tal-fond li kellu jservi bhala Centru jinghataw b'donazzjoni mill-benefatturi u mhux bhala self, kif hemm dikjarat fl-imsemmi kuntratt. Skond l-appellant, din l-intenzjoni ma gietx murija u espressa fil-kuntratt bhala ghotja ta' donazzjoni ghar-raguni biss li l-Avukat Dottor Joseph Schembri li kien qieghed jidher ghal wiehed mid-donaturi hass li kellu jipprotegi l-interess tas-socjeta` mandanti tieghu fil-kaz li l-izvilupp li kien mahsub ghall-fond mixtri ma jsirx. Minn ezami tal-provi jidher li lanqas hemm qbil fuq din il-prezunta intenzjoni komuni li suppost kellhom il-partijiet qabel ma gie ppubblikat il-kuntratt *de quo*. Victor Vella jixhed li hu kien ried jaghmel donazzjoni lic-centru[1] u dan jikkonfermah anke l-mandatarju tieghu Dottor Joseph Schembri[2] li pero` jzid li hu kien tah parir mod iehor peress li hu ma kienx jaf lil persuni nvoluti f'din l-Ghaqda. Emmanuel Avallone qal li hu silef il-flus lic-Centru[3] u infatti l-prokura li hu ffirma lil martu dak in-nhar tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt kienet biex hija tidher a nom tieghu fuq dan il-kuntratt ta' self[4]. Concetta Avallone tikkonferma dan u tghid li l-iskop "tal-kuntratt in kwistjoni dana kien self. Nghid li l-intenzjoni tal-partijiet dak in-nhar kien li jsir self u din l-intenzjoni kienet hekk minn dejjem[5]." Dan kollu izda huwa kontradett minn Alfred Delia li jghid li l-flus li kellha taghti Concetta Avallone kienu b'donazzjoni ghaliex hija, bhalu, kellha familjari inkapacitati. Jghid li anke Victor Vella tahom il-flus bhala donazzjoni.[6]

8. Jirrizulta pero` li indipendentement minn dak li kellhom intenzjoni jaghmlu l-partijiet qabel ma ltaqghu ghand in-Nutar ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt *de quo*, dak in-nhar tal-pubblikazzjoni ta' l-att minn Nutar Joseph Brincat huma kollha qablu li l-flus li bih kienet se tinxtara l-proprjeta` kellhom jinghataw b'self. Dan gie konfermat min-Nutar stess li jghid li hu kien certissimu li l-partijiet riedu jaghmlu

[1] Fol 77
[2] Fol 62
[3] Fol 46 et seq
[4] Fol 10
[5] Fol 56
[6] Fol 60

self lil min kien qed jixtri, jigifieri lic-Centru[7]. L-avukat Schembri, li kien il-persuna li ssugerixxa li jsir dan is-self jispjega li l-ohrajn kollha kienu qablu u jghid-
“Meta jiena ssuggerejt dan jew in-nutar stess jew l-istess partijiet l-ohra, cioe` Avallone u Delia ddecidew li s-somom taghhom cioe` elfejn lira l-wiehed jaghmluhom identika ghal tieghi b’mod li allura flok b’donazzjoni kellh ssir self tas-somma intiera ta’ sitt elef lira.”[8]
Izid li –
“...huma li eppure kienu certi li din id-dar kellha tigi konvertita f’centru qablu li f’kaz li jinqala’ xi haga li b’rizultat taghha c-centru ma setghax jinbena allura kien ikollhom id-dritt li jitolbu lura l-elfejn lira minghand l-istess centru. B’hekk gie definittivament deciz illi flok kuntratt ta’ donazzjoni u akkwist ikun hemm kuntratt ta’ self u akkwist ta’ l-istess proprjeta`....”

L-avukat Schembri izid li meta l-partijiet bdew jiddiskutu dwar jekk il-flus jinghataw b’self jew b’donazzjoni, kien anke dahal fid-diskussjoni l-bejjiegh tal-proprjeta` Carmel Bugeja, li infatti kien sussegwentement zamm id-dritt tal-“first refusal” f’kaz li l-proprjeta` tinbiegh. Dr. Schembri jzid li bid-decizjoni li huma hadu li jisilfu l-flus –

“ma kienx qieghed isir bdil fl-*ideja principali tal-proprjeta`* imma semplicement biex jigu salvagwardati d-drittijiet ta’ l-istess nies li kienu qeghdin jisilfu.”

9. B’hekk, kif sewwa qalet l-ewwel Qorti, jirrizulta bl-iktar mod car li l-intenzjoni tal-partijiet dak in-nhar li gie redatt l-att kienet li dawn jisilfu l-flus lic-Centru. Tant hu hekk li meta dak in-nhar giet ipprezentata l-prokura li biha Emmanuel Avallone awtorizza lil martu Concetta tidher fuq dan l-att din saret biex hija tkun tista’ “tislef lil Centru Speranza fl-Inkapacitati is-somma ta’ Lm2,000....”[9]

Tali intenzjoni hija wkoll konfermata bil-kontenut ta’ l-istess att li mhux biss jikkontjeni obbligazzjoni ta’ rifuzjoni

[7] Fol 65
[8] Fol 53
[9] Fol 10

izda li b'rizultat tieghu gie istitwit privilegg specjali fuq il-fond mibjugh favur il-mutwanti kollha.

10. Inoltre jirrizulta kjarament mill-provi li fil-mument li fih kien se jigi redatt il-kuntratt il-partijiet kienu intenzjonati jisilfu l-flus u mhux jaghmlu donazzjoni ta' dawn il-fondi. Din l-intenzjoni mbaghad giet espressa b'mod car fil-kuntratt redatt minn Nutar Brincat, liema kuntratt ma ghandu bzonn ta' ebda interpretazzjoni minn din il-Qorti, u l-intenzjoni li seta' kellhom qabel il-partijiet jew xi whud minnhom hija irrelevanti.

11. Finalment, ikun hawnhekk opportun li jigu ribaditi certi principji regolanti materja ta' kuntratti – jigifieri li,
(1) F'materja kontrattwali l-ftehim hu ligi ghall-partijiet kontraenti (artikolu 992(1) tal-Kodici Civili) (Carmelo Bajada noe v. Fr. Saviour Cachia et noe – Appell Kummercjali deciz 16/7/1973).

(2) Il-kuntratti ghandhom jigu ezegwiti bil-bona fidi (artikolu 993 Kodici Civili – Vol XXI pt1 p283).

(3) Kontra l-miktub m'humiex ammissibbli provi mhux miktuba – izda "si ammette la prova testimoniale allo scopo di chiarire le oscurita`, le ambiguita` e le incertezze dell'atto contrattuale per rendere palese quali sia stata l'intenzione dei contraenti; poiche` in tale caso non si tratterebbe di prova orale in contradizzione od in aggiunta alla prova scritta, ma si tratterebbe invece di prova testimoniale tendente a confermare il contenuto dell'atto scritto ed a dimonstrare la vera intenzione dei contraenti che da quell'atto, senza il sussidio della prova testimoniale, potrebbe risultare oscura od apparire incerta o ambigua." (Vol XXV pt I p150).

(4) Meta l-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt hu car ma hemmx lok ghall-interpretazzjoni (Artikolu 1002 tal-Kodici Civili) (Vol XXXIV pt I p27).

(5) Meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx ma' l-intenzjoni tal-partijiet kif tkun tidher cara mill-pattijiet mehudin flimkien, ghandha tipprevali l-intenzjoni –
"Issa din ir-regola ghandha tigi sewwa apprezzata u applikata. Irid jirrizulta bla dubju illi s-sens tal-klawsola li tkun jista' biss jigi interpretat b'mod univoku ghax hu car. Irid jirrizulta wkoll li dan is-sens car tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'mohhom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li xi wahda mill-partijiet kellha f'rasha. U dan irid jidher car mill-pattijiet kollha tal-kuntratt mehudin flimkien."
(John Bartolo et v. Alfred Petroni et – Appell deciz 7/10/1997).

(6) "Fl-applikazzjoni tar-regoli ta' l-interpretazzjoni ma hijiex l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall-kliem tal-konvenzjoni jew is-sens divers minnhom lilhom moghti li jiswa imma hu l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti lill-kliem is-sens ordinarju tieghu fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti li ghandu jghodd." (John Zammit v. Michael Zammit Tabona et noe – Appell deciz 28/2/1997).

Applikati dawn il-principji jirrizulta li l-ewwel Qorti ghamlet evalwazzjoni korretta tal-provi u applikazzjoni tajba tal-ligi in materja. Ghalhekk l-aggravji tac-Centru appellant jidhru li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ghal dawn ir-ragunijiet;
Tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata tichad l-appell interpost mic-Centru Speranza fl-Inkapacitati bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------